MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 2269/1997/1

**Cranes and Commercial Sales Ltd.**

**Vs**

**Lawrence Micallef**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-6 ta' Ottubru 1997 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` bieghet u kkunsenjat lill-konvenut Vann Transit bi tpartit ma' vettura Fiat 125 numru tar-registrazzjoni G – 0676 b' dan li l-konvenut kellu jziedlu s-somma ta' elfejn u hames mija u hamsin lira Maltin (Lm2550) kif jidher mill-*invoice* ta' l-istess data iffirmata mill-konvenut;

Premess illi ftit granet wara li l-konvenut xtara l-vettura u kien lahaq diga` ha f' idejh il-pussess tal-vettura, il-vettura insterqet;

Premess illi l-konvenut issa qed jirrifjuta li jhallas il-prezz miftihem ta' elfejn u hames mija u hamsin lira Maltin (Lm2550) nonostante li gie interpellat jaghmel dan;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn u hames mija u hamsin Lira Maltin (Lm2550) rapprezentanti, il-bilanc fuq il-prezz ta' vann Transit lilu mibjugha u kkunsenjata fil-25 ta' Jannar 1997;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Joseph Cassar ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut tal-10 ta' Lulju 1998 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi bejn il-partijiet kien ghadu ma sarx il-bejgh jew it-tpartit allegat fic-citazzjoni u ghalhekk meta nsteraq il-vann Transit id-dannu ghandu jsofrih l-istess sid u cioe` l-kumpanija attrici;

2. Illi huwa bla ebda mod ma kien responsabbli ghat-telf tal-vann in kwistjoni illi kien ghand l-*electrician* John Lewis;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Marzu 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza qed jigu hawn rijassunti fil-qosor:

I. Fl-1997 il-kontendenti innegozjaw il-komprovendita ta’ vann Transit billi l-konvenut akkwirent ihallas in parti bid-dazjoni *in solutum* ta’ karozza ohra li kellu u in parti bi flus versu l-hlas ta’ elfejn hames mija u hamsin lira Maltija (Lm2550). Ghal dan il-fini giet redatta *Invoice* (esebita a fol. 5), sottoskritta wkoll mill-konvenut. Kif konfessat minn dan ta’ l-ahhar “jien kont iffirmajt l-*invoice*, tajt lis-Sur Cassar xi haga tal-flus, niftakar li fil-fatt kont tajtu tmien mitt lira (Lm800) *b’cheque*, kont hallejtlu diga` l-Fiat u hadt il-vann” (fol.41);

II. Il-modalita` tal-hlas kellha ssir permezz ta’ kambjali li kif ukoll mistqarr mill-konvenut fl-Affidavit tieghu (fol. 22) gew iffirmati minnu u minn martu. Hu pero` ma kienx ikkonsenjahom lis-socjeta` attrici ghaliex fi kliemu stess “jien imbaghad imxejt kif qalli l-avukat” (fol. 43);

III. Jirrizulta mill-provi illi l-konvenut l-ewwel ha l-vann ghand il-*panel beater* u dan kien “kuntent bih”, u wara ghand l-*electrician* John Lewis biex dan jiccekjalu d-dawl ta’ wara. Fil-fatt l-*electrician* hadimlu xoghol specifiku fuqu ghal valur ta’ xi ghaxar liri (Lm10). Ara xiehda ta’ l-imsemmi John Lewis a fol. 29 tal-process;

IV. Il-konvenut u l-*electrician* ftehmu illi l-vann kien ser jithalla barra ghax l-*electrician* ma kellux spazju fil-garage. Kien hawn li l-vann insteraq minn injoti;

V. Jirrizulta illi filwaqt t-*transfer* tal-Fiat mill-konvenut lis-socjeta` attrici saret f' Lulju 1997, dak tal-vann baqa' ma sarx;

In konsegwiment tat-talba tieghu ghal hlas tas-somma pattwita, is-socjeta` attrici tistrieh principalment fuq id-dispost ta' l-Artikolu 1347 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi "l-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjeta` tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej";

Dan ifisser illi ladarba l-kontendenti ftehmu fuq il-vettura u fuq il-prezz, anke kieku stess il-vettura kienet ghadha ma gietx konsenjata lill-konvenut, u dan kien ghadu ma hallasx il-prezz tal-bejgh, minn dak il-hin li sar il-ftehim, il-vettura ghaddiet fil-proprjeta` tal-konvenut u ghar-riskju tieghu. Il-bejgh ghalhekk jista' jitqies perfezzjonat. Ara **Vol. XXXIII P I p 670** u **Vol. XXXVII P II p 632**;

In effetti, kif osservat, "*la vendita commerciale, come la vendita civile e` perfetta, appena si conviene sulla cosa e sul prezzo e la proprieta` della cosa venduta si trasmette al compratore al momento in cui segue la vendita` ... e pertanto la merce e` a rischio del compratore appena questi ne diviene proprietario.*" (**Vol. XX P III p 29**);

Id-differenza fil-kaz prezenti minn dawk il-kazijiet appena citati hi dik li l-konvenut kompratur kien effettivament ha wkoll pussess tal-vettura mixtrija;

Kontra dak assunt mis-socjeta` attrici, il-konvenut jikkampa d-difiza tieghu fuq l-istregwa tal-gurisprudenza li kienet tirritjieni illi "meta jsir negozju ta' vetturi li ma jsirx

bil-miktub dan ikun null u inezistenti *ipso jure* u ma jistax iservi bhala titolu ta’ azzjoni f’ kawza” (“**Maggur Hannibal A. Scicluna *nomine* -vs- Avukat Dottor Edgar Grima *et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 23 ta’ Frar 1965; “**Saviour Farrugia -vs- Carmel Grima**”, Appell Civili, 21 ta’ April 1972);

Dan ghaliex skond il-Qorti ta’ l-Appell fil-kaz fl-ismijiet “**Henry Falzon *proprio et nomine* -vs- Carmelo Tanti**”, riportata a Vol. XL P I p 583, dik il-Qorti kienet hemm iddecidiet, in vista ta’ l-Ordinanza tal-Boll (Kapitolu 68), illi fil-kaz ta’ kwalunkwe trasferiment ta’ “*motor car*” il-formalita` ta’ l-iskrittura kienet rikjesta “*ad substantiam et validitatem*”. Il-konsegwenza raggunta kienet dik illi fin-nuqqas ta’ kitba il-bejgh kien meqjus null ghax ikun sar bi vjolazzjoni ta’ dik il-ligi. Ara wkoll decizjoni fl-ismijiet “**Julian Schembri -vs- Joseph Mifsud**”, Appell Civili, 26 ta’ Marzu 1968;

Il-Qorti tiskosta ruhha minn din il-gurisprudenza ghar-raguni ovvja illi fl-istat prezenti tal-ligi ma ghadhiex rikjesta taht l-Att XVII ta’ l-1993: Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kapitolu 364) li ssostitwixxa proprju il-Kapitolu 68, il-formalita` ta’ l-iskrittura ghal fini ta’ xiri u trasferiment ta’ vetturi. Ghalhekk ukoll billi hi massima fundamentali li kull persuna, u partikolarment dik fil-professjoni legali, hija presunta li taf il-ligi, ma jidherx li l-konvenut kien lejali mal-Qorti meta ccita gurisprudenza ormai sorpassata, kostruwita fuq ligi li ma ghadhiex fis-sehh;

Ankorke, imbaghad, dik l-istess ligi u gurisprudenza kienet ghadha prevalenti u tghodd, ma jidherx, fil-fehma tal-Qorti, illi l-*invoice* esebit ma tirrivestix l-elementi tal-ftehim bil-miktub, sottoskritta wkoll mill-konvenut;

Kif gja aktar ‘il fuq spjegat f’ materja ta’ bejgh ta’ mobbli il-proprjeta` tal-haga venduta tghaddi fil-proprjeta` ta’ l-akkwirent malli jsir ftehim fuq l-oggett u l-prezz. Dan jattalja ruhu mad-disposizzjoni generali ta’ l-Artikolu 994

tal-Kapitolu 16 li jghid li di regola l-proprjeta` tigi trasmessa b’ effett tal-kunsens tal-partijiet;

Gja ntqal illi f’ dan il-kaz mhux biss jirrizultaw l-estremi tal-vot tal-ligi fl-Artikolu 1347 izda addirittura saret ukoll lill-konvenut it- “*traditio*” tal-vettura. Dan l-istat ta’ fatt kombinat mal-principju tad-dritt fil-precitat artikolu jirreduci ruhu certament mhux biss fit-trapass tal-proprjeta` izda wkoll tal- “*periculum rei perditae*”. Gjaladarba ghalhekk il-vettura insterqet meta kienet fil-pussess tieghu fil-mument li giet derubata, il-konvenut ma jistax jittrincera ruhu wara d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 1375 u 1376 (2) tal-Kodici Civili billi dawn, ghal kaz in ispecie, ma jiccentrawx u ma japplikawx. Apparti l-kwestjoni illi dawn id-disposizzjonijiet jitrattaw fuq l-inezistenza ta’ l-oggett ghaliex gie distrutt, jew parzjalment distrutt [subinciz (2) ta’ l-Artikolu 1375], li ma huwiex il-kaz hawnhekk, dawk l-istess disposizzjonijiet jippresupponu li tali fatt sehh “fiz-zmien tal-kuntratt tal-bejgh” b’ mod li allura l-oggett tal-bejgh ma jezistix u mhux possibbli li jsir kuntratt fuq haga inezistenti. Hawn ghal kuntrarju, kif ampjament rilevat, l-oggett innifsu, meritu tal-kontrattazzjoni, gie mankanti *ex post facto* l-perfezzjonament tal-kuntratt u, addirittura, wara t-trasferiment ta’ l-oggett meritu tieghu lill-kompratur;

Mill-kumpless tal-provi u tal-principji tad-dritt li jghoddu ghal kaz partikolari wiehed sodisfacentement jirrileva bhala l-unika konkluzjoni gusta illi l-ftehim kien sar, li l-bejgh kien perfett, li fil-mument tal-bejgh u tat-trapass tieghu mill-bejjiegh lix-xerrej l-oggett kien ezistenti, u li l-konvenut xerrej ghandu jissaporti r-riskju konsegwit bil-fatt tas-serqa tieghu billi jhallas dak li hu dovut minnu lis-socjeta` attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tirrespingi l-eccezzjoni tal-konvenut u b’ hekk takkolji d-domanda tas-socjeta` attrici billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lil din is-socjeta` l-ammont ta’ elfejn hames mija u hamsin lira Maltija (Lm2550) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz tal-vettura vann

Transit mibjugha u konsenjata lill-konvenut fil-25 ta' Jannar 1997.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------